



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2015
COM(2015) 126 final

2013/0165 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-iżvilupp tas-sistema eCall immuntata fil-vetturi u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-iżvilupp tas-sistema eCall immuntata fil-vetturi u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2013)316 final –2013/0165 (COD):	13 ta' Ġunju 2013
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	19 ta' Settembru 2013
Data tal-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	29 ta' Ottubru 2013 26 ta' Frar 2014
Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	2 ta' Marzu 2015

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tintroduċi s-sistema eCall immuntata fil-vetturi għal tipi ġodda ta' karozzi u vannijiet fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur, u b'hekk dawn il-vetturi jridu jkunu mibnija b'tali mod li jiżguraw li f'każ ta' inċidenti tat-triq gravi, tiġi attivata awtomatikament sejħa ta' emerġenza fuq in-numru uniku ta' emerġenza Ewropew 112. Dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jonqos l-għadd ta' korrimenti u fatalitajiet f'inċidenti bħal dawn.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

3.1. Kummenti ġenerali

Il-Kummissjoni tilqa' l-qbil politiku dwar test ta' kompromess li ntlaħaq fl-1 ta' Diċembru 2014 mill-Kunsill u mill-Kumitat IMCO tal-Parlament. L-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u l-votazzjoni plenarja fil-Parlament f'April jew f'Mejju 2015 għandhom iwasslu għall-adozzjoni finali tat-test. Mill-perspettiva tal-Kummissjoni, il-kompromess li ntlaħaq huwa raġonevoli u jista' jiġi appoġġjat.

3.2. Kummenti dwar l-emendi li ġew adottati mill-Parlament Ewropew

3.2.1. *L-emendi tal-Parlament Ewropew inklużi għalkollox, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiġbor maġġoranza vasta ta' emendi introdotti mill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari l-bieċa l-kbira tal-premessi addizzjonali proposti, ir-referenza espliċita għas-sistema eCall immuntata fil-vetturi bbażata fuq in-numru 112, ir-

rekwiżit biex is-sistema eCall tkun installata b'mod permanenti fil-vettura u biex tingħata twissija lill-okkupanti tal-vettura f'każ ta' falliment gravi tas-sistema.

Il-Kunsill introduċa wkoll rekwiżiti addizzjonali fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta fir-rigward tan-nuqqas tat-trattament ta' dejta personali għal kwalunkwe skop ieħor u taż-żamma tad-dejta biss għall-perjodu strettament meħtieġ għat-tħaddim tas-sistema eCall. Id-dispożizzjonijiet saru saħansitra aktar dettaljati wara l-inkorporazzjoni ta' parti kbira tal-emendi tal-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward (eż. it-tneħħija awtomatika u kontinwa tad-dejta, l-ebda trażmissjoni tad-dejta barra mill-vettura qabel ma tiġi attivata l-eCall, l-ebda skambju ta' dejta bejn is-sistemi integrati fil-vetturi, eċċ.). Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' kull rekwiżit individwali, intlaħaq kompromess raġonevoli għal użu koerenti kemm tal-atti delegati kif ukoll dawk ta' implimentazzjoni. Dan jista' jiġi appoġġjat mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill illimita l-perjodu tad-delega għal ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid taċitu. Sussegwentement, bħala kompromess, aċċetta li jipprevedi estensjoni taċita bħal din. Għalkemm il-Kummissjoni tippreferi perjodu ta' delega mhux limitat, din is-soluzzjoni tista' tiġi appoġġjata bħala parti mill-pakkett.

Rigward l-aċċessibbiltà tas-sistema eCall lil operaturi indipendenti għal skopijiet ta' tiswija u manutenzjoni, il-Kunsill introduċa rabta mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-possibbiltà għall-manifatturi li jitolbu hłas, filwaqt li fl-istess ħin, qabel ukoll dwar kjarifika addizzjonali, proposta mill-Parlament Ewropew, li tali hłas għandu jkun raġonevoli u ma għandux jaqbeż ammont nominali. Billi din is-soluzzjoni ma tiddevjax mir-regoli applikabbli tal-UE dwar aċċess għal operaturi indipendenti, il-Kummissjoni tista' tappoġġjaha bħala parti mill-pakkett.

Il-Kunsill aċċetta l-emenda tal-Parlament Ewropew li jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa, wara studju tal-ispejjeż u tal-benefiċċji u konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, il-ħtieġa ta' rekwiżiti għal pjattaforma interoperabbli, standardizzata, sikura u b'aċċess miftuħ u, jekk ikun xieraq, biex tadotta inizzjattiva leġislattiva abbażi ta' dawk ir-rekwiżiti. Din il-kwistjoni ma kinitx tagħmel parti mill-ewwel proposta tal-Kummissjoni, imma tista' tiġi appoġġjata bħala parti mill-pakkett.

Il-Kunsill approva wkoll l-emenda tal-Parlament Ewropew li kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni teżamina l-possibbiltajiet li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għal kategoriji oħra ta' vetturi, bħal dawk li jaħdmu b'żewġ roti, il-vetturi tqal tal-merkanzija, ix-xarabanks u l-kowċis, u t-tratturi agrikoli, u jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta għal dak l-għan. Dan jista' jiġi appoġġjat mill-Kummissjoni.

Il-kjarifiki li nġiebu għall-abbozzar tat-test tal-Kummissjoni mill-Kunsill u mill-Parlament jistgħu jiġu appoġġjati wkoll.

3.2.2. Emendi tal-Parlament Ewropew li mhumieħ inklużi fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

Il-Kunsill qies li l-emendi tal-Parlament Ewropew li jirrikjedu li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar id-disponibbiltà tal-infrastruttura eCall u li l-Kummissjoni tieħu l-azzjonijiet xierqa biex tiżgura li din l-infrastruttura titnieda fil-ħin, ma kinux xierqa f'Artikolu ta' Regolament li jittratta r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Madankollu, il-Kunsill irrikonoxxa li huwa essenzjali li jitwettaq minn qabel it-titjib ikkoordinat tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili biex jiġu trażmessi eCalls u PSAPs biex jintlaqgħu u jiġu ġestiti eCalls u inkluda t-test adattat fil-premessi. Dan huwa appoġġjat mill-Kummissjoni. L-istess approċċ ġie implimentat fir-rigward tal-emenda tal-Parlament Ewropew li tirrikjedi li

s-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 tkun soġġetta għal spezzjoni teknika perjodika.

3.3. Dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-pożizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Il-Kunsill introduċa għadd ta' emendi tekniċi, b'mod partikolari biex tkun iċċarata l-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' vetturi prodotti f'serje żgħar, vetturi approvati individwalment u vetturi li għal raġunijiet tekniċi ma jistgħux jiġu mgħammra b'sistema eCall. Hu ta' wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati sabiex tidentifika l-vetturi li għandhom jiġu eżentati. Dan jista' jiġi appoġġjat.

Barra minn hekk, il-Kunsill żied dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw il-koeżistenza ta' sistemi eCall sostnuti minn partijiet terzi (TPS eCall) mas-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112. Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw li l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 fuq bażi obbligatorja u li din is-sistema tkun attivata awtomatikament f'każ ta' avarija tat-TPS eCall. Is-soluzzjoni proposta mill-Kunsill tista' għalhekk tiġi appoġġjata mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill introduċa dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni u dwar il-proċeduri rispettivi tal-kumitat għall-adozzjoni tagħhom. Billi l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija kemxein limitata u fid-dawl tal-kompromess mil'huq fil-kuntest tar-regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, dan ukoll jista' jiġi appoġġjat mill-Kummissjoni. Fejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet tal-kumitat, il-Kummissjoni turi d-dispjaċir tagħha dwar l-użu tal-klawsola ta' "l-ebda opinjoni", billi l-inklużjoni ta' tali dispożizzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-Regolament 182/2011, iżda fl-ispirtu ta' kompromess mhijiex se topponiha.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill talab biex l-industrija tingħata aktar żmien sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti l-ġodda. Il-Parlament Ewropew, għalkemm ma biddilx id-data tal-applikazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni, wera li hu dipost lejn posponiment u finalment aċċetta li r-Regolament jibda japplika mill-31 ta' Marzu 2018. Il-Kummissjoni taqbel li jinħtieġ żmien suffiċjenti ta' introduzzjoni u tista' tappoġġja l-kompromess dwar id-data tal-applikazzjoni billi din tikkonforma mal-iskeda ta' żmien għall-mobilizzazzjoni tal-infrastruttura globali eCall kif previst fid-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE.

4. KONKLUŻJONI

Filwaqt li l-Kummissjoni turi d-dispjaċir tagħha għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jillimita d-delega lill-Kummissjoni għal perjodu fiss ta' ħames snin u għall-inklużjoni ta' klawsola ta' "l-ebda opinjoni" fil-proċedura tal-kumitat għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni, għal raġunijiet prattiċi se toqgħod lura milli topponi.

Il-Kunsill aġixxa b'maġġoranza kkwalifikata.

Bħala konklużjoni, fi spirtu ta' kompromess, il-Kummissjoni tappoġġja l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill.